A.L. 124 ta' l-2005

ATT TA' L-2003 DWAR L-UNJONI EWROPEA (ATT NRU. V TA' L-2003)

Ordni ta' l-2005 dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/1/KE (sabiex tiġi stabbilita struttura organizzativa ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dan l-Ordni li ġej:

Titolu u applikazzjoni.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2005 dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/1/KE (sabiex tiġi stabbilita struttura organizzativa ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji).

(2) Din id-Direttiva tistabbilixxi struttura organizzativa ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji.

Tifsir.

2. F'dan l-Ordni:

"id-Direttiva" tfisser id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/675/KEE, 92/49/KEE u 93/6/KEE u d-Direttivi 94/19/KE, 98/78/KE, 2000/12/KE, 2001/34/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE.

Id-Direttiva jkollha effett.

3. Id-Direttiva hija adottata bħala parti mil-liġijiet ta' Malta u għandu jkollha effett f'Malta skond hekk.